MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## PACE RAYMOND C.

Seduta ta' 31 ta' Ottubru, 2002

Citazzjoni Numru. 1435/1999/1

**Sandra Farrugia f'isimha proprju u bhala kuratrici *ad litem* ta' wliedha minuri Marlon, Redent u Josmarie ahwa Farrugia.**

**vs**

**Mario Farrugia**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-kontendenti zzewgu fil-wiehed u ghoxrin ta' Novembru tas-sena elf, disa' mija u tlieta u disghin (1993) u miz-zwieg taghhom kellhom tliet itfal u cjoe', Marlon, Redent u Josmarie ahwa Farrugia li ghadhom minuri;

Illi l-hajja konjugali bejn il-kontendenti saret impossibbli minhabba servizzi, eccessi, swat, minacci u ngurji gravi

kommessi mill-konvenut kontra l-attrici, u minhabba li tkissret irrevokabilment, kif jirrizulta mit-trattazzjoni;

Illi ghal dawn ir-ragunijiet l-attrici talbet u ottjeniet l-awtorizzazzjoni mehtiega mis-Sekond’ Awla tal-Qorti Civili sabiex tipprocedi f’din l-istanza ghas-separazzjoni personali, u dana skond Digriet moghti minn dik l-Onorabbli Qorti fl-erbgha (4) ta’ Novembru tas-sena elf, disa’ mija u sebgha u disghin (1997) (Digriet Numru 591/98) (Dok. “A”);

Illi skond l-istess Digriet l-imsemmi konvenut gie ordnat li jallontana ruhu mid-dar taz-zwieg *“pendente lite”* u fil-fatt illum l-attrici tokkupa din id-dar flimkien ma’ wliedhom minuri;

Illi l-istess attrici talbet lil din il-Qorti sabiex tghid ghaliex:

1. M’ghandhiex tigi pronunzjata s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti konjugi Farrugia minhabba sevizzi, eccessi, swat, minacci u ngurji gravi kommessi mill-konvenut kontra martu l-attrici, jew minhabba li z-zwieg tkisser irrevokabilment;

2. M’ghandhiex l-attrici tigi affidata bil-kura u kustodja tal-wild minuri msemmija Marlon, Redent u Josmarie ahwa Farrugia, salv l-access tal-konvenut li ghandu jigi stabbilit skond l-ahjar interess tal-istess minuri;

3. M’ghandux il-konvenut jigi kkundannat li jhallas lill-attrici ghaliha u ghal uliedhom minuri retta alimentarja lilha dovuta skond il-Ligi, li tigi stabbilita minn din l-istess Qorti, u b’dawk il-modalitajiet kollha ta’ pagament, inkluz provvediment ghaz-zieda perjodika sabiex taghmel tajjeb ghall-awment fl-gholi tal-hajja u ghat-tnaqqis dirett mill-paga tal-konvenut;

4. M’ghandhomx jigu applikati kontra l-konvenut l-effetti tad-dispozizzjonijiet tal-**artikoli 48, 50 u 51 tal-Kodici Civili tal-Ligijiet ta’ Malta** fis-shih jew parzjalment;

5. M’ghandhiex tigi xjolta u likwidata l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti okkorrendo b’opera ta’ perit nominand;

6. M’ghandhiex l-istess komunjoni hekk likwidata tigi mqassma bejn il-kontendenti f’zewg porzjonijiet assenjati rispettivament lil kull wiehed u wahda minnhom skond il-Ligi;

7. M’ghandhiex l-attrici tigi awtorizzata li tabita fid-dar taz-zwieg ad eskluzjoni tal-konvenut skond il-ligi *u l-konvenut li jivvaka d-dar definittivament f’terminu qasir moghti skond ic-cirkostanzi; (zieda awtorizzata fil-21/6/99)*

8. M’ghandux l-istess konvenut jigi kkundannat li jirritorna lill-attrici l-beni parafernali taghha;

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-proceduri quddiem is-Sekond’ Awla tal-Qorti Civili – kontra l-konvenut ingunt minn issa stess in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta’ xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 4 u 5 tal-process;

Rat ir-rikors tal-attrici *proprio et nomine* tat-23 ta’ Gunju 1999 fejn talbet li tigi nominata kuratrici *ad litem* tal-imsemmija tfal minuri fl-atti tal-kawza premessa u fl-atti kollha ncidentali u konnessi.

Rat in-nota tal-attrici datata 21 ta’ Dicembru 1999 fejn permezz taghha tat ruhha b’notifikata bic-citazzjoni premessa u bl-avviz tas-smiegh tal-kawza.

Rat il-verbal tat-8 ta’ Marzu 2000 fejn minkejja l-kontumacja tal-konvenut il-Qorti nnominat lil Dr. Audrey Demicoli bhala Assistent Gudizzjarja biex tigbor il-provi.

Rat ir-rikors tal-attrici tas-17 ta’ Mejju 2000 fejn talbet varjazzjoni fil-hinijet u l-post tal-access mill-konvenut in vista li l-istess konvenut hareg mill-Komunita’ Santa Marija

Hal Farrug, Luqa fejn kien qed jattendi ghal programm minhabba l-vizzju tax-xorb.

Rat il-verbali tat-23 ta’ Gunju 2000; tal-11 ta’ Ottubru 2000; tal-11 ta’ Dicembru 2000; tat-3 ta’ Lulju 2001; tat-30 ta’ Ottubru 2000; tal-11 ta’ Dicembru 2000; tat-3 ta’ Lulju 2001; u tat-30 ta’ Ottubru 2001.

Rat ir-rikors tal-attrici tat-22 ta’ Novembru 2001.

Rat ir-risposta tal-konvenut Mario Farrugia tal-21 ta’ Dicembru 2001.

Rat il-verbal tat-13 ta’ Frar 2002 fejn il-kawza giet differita biex tkompli tinstema’ minn din il-Qorti kif prezentament presjeduta mill-Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.

Rat in-nota tal-attrici datata 5 ta’ Marzu 2002 li permezz taghha esebiet l-affidavit taghha stess.

Rat ir-rikors tal-attrici tal-5 ta’ Marzu 2002 fejn in vista li hi ghalqet il-provi taghha talbet lill-Qorti sabiex tordna lill-Assistent Gudizzjarja tiffissa seduti ghall-provi tal-konvenut fil-mori tad-differiment, halli l-kawza tghaddi ghall-finali trattazzjoni u ghas-sentenza.

Rat id-digriet tal-Qorti fejn wara li rat li minkejja li gie notifikat il-konvenut ma pprezenta l-ebda risposta, laqghet it-talba kif dedotta u ordnat lill-Assistent Gudizzjarju biex tiffissa tliet (3) seduti ghall-provi kollha tal-konvenut.

Rat il-verbali tal-15 ta’ Mejju 2002 fejn l-Assistent Gudizzjarja Dr. Audrey Demicoli nfurmat lill-Qorti li t-tliet (3) seduti nzammu pero’ l-konvenut ma ressaqx provi. In vista ta’ dan il-Qorti ddikjarat il-provi tal-partijiet maghluqa u ordnat lill-Assistent Gudizzjarja sabiex tirritorna l-process halli ssir it-trattazzjoni finali tal-kawza.

Rat is-seduti mizmuma mill-Assistent Gudizzjarja.

Rat ir-rikors tal-konvenut tat-12 ta’ Gunju 2002 fejn talab lil Qorti sabiex tawtorizzah jipprezenta nota ta’

sottomissjonijiet, liema nota huwa pprezenta annessa mal-istess rikors u mmarkata bhala Dok. “MF”.

Rat id-digriet sussegwenti tal-Qorti datat 13 ta’ Gunju 2002 fejn iddecidiet li ghandha tipprovdi dwar l-istess *seduta stante*.

Rat il-verbal tal-20 ta’ Gunju 2002 fejn il-Qorti laqghet it-talba kif dedotta fir-rikors tat-13 ta’ Gunju 2002. Il-kontro-parti nghatat kopja tal-istess nota t’osservazzjonijiet *seduta stante*. Il-konvenut iddikjara li spicca jaghmel il-programm ta’ *‘Sedqa’* fl-1999. Iddikjara wkoll li ilu disokkupat sitt xhur, u meta kien jahdem ma kienx ihallas manteniment peress li ma kienx qed jara lit-tfal. L-attrici ddikjarat li ma topponix ghal access b’supervizjoni limitat, liema access ghandu jizdied f’kaz ta’ progress gradwalment. In vista ta’ dan il-ftehim milhuq bejn il-partijiet il-Qorti ordnat li l-konvenut jibda jkollu access ghal siegha darba fil-gimgha fic-Centru Hidma Socjali taht supervizjoni ta’ *Social Worker*. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-31 ta’ Ottubru 2002.

Rat ir-rikors tal-attrici datat 18 ta’ Settembru 2002 fejn talbet is-sospensjoni tal-access tal-konvenut ghall-ulied minuri b’effett immedjat, bil-kundizzjonijiet kollha li jidhrilha xierqa, prevja okkorrendo n-nomina ta’ espert biex jaghmel ir-rakkomandazzjonijiet xierqa u opportuni rigward l-access.

Rat id-digriet sussegwenti tal-Qorti tal-14 ta’ Ottubru 2002 fejn it-talba giet michuda peress li l-kawza tinsab differita ghas-sentenza fil-vicin.

Rat ir-rikors iehor tal-attrici wkoll datat 18 ta’ Settembru 2002 fejn talbet lill-Qorti sabiex tvarja l-access fis-sens li tordna li l-konvenut ikollu access kull nhar ta’ Hamis bejn il-5:00 p.m. u s-6:00 p.m. fic-Centru Hidma Socjali f’Santa Venera fil-prezenza ta’ *Social Worker*, u d-digriet tal-Qorti tad-29 t’Ottubru 2002 fejn cahdet it-talba.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi din hija kawza maghmula mill-attrici sabiex titlob is-separazzjoni mill-konvenut ghar-ragunijiet indikati fic-citazzjoni attrici, u fejn il-konvenut baqa' kontumaci u ma pprezenta l-ebda nota ta' eccezzjonijiet u fil-fatt lanqas talab sabiex iressaq tali nota ta' eccezzjonijiet, jew b'xi mod jiggustifika l-kontumacja tieghu. Talab biss li jipprezenta nota ta' osservazzjonijiet, li *in verita'* lanqas prezenta b'mod formali u regolari, u xejn izjed.

Illi dwar ir-responsabilita' tat-tkissir taz-zwieg u kawza tat-talba mill-attrici ghas-separazzjoni tirrizulta mill-affidavit taghha tat-12 ta' Gunju 2001 esebit b'nota tal-5 ta' Marzu 2002, minn fejn jirrizulta li l-konvenut kellu sfortunatement il-vizzju tad-droga, li jidher li dan hassar ghal kollox l-atteggjament tieghu ma' martu u uliedu, tant li ghalkemm ghamel il-programm tas-*'Sedqa'*, u anke ma hax droga ghal tliet xhur, huwa kien xorta waqa' ghall-istess vizzju, bil-konsegwenza li abbanduna x-xoghol, beda johrog u jibqa' barra tard, bla ebda kaz tal-familja, u anke kien vjolenti lejn martu f'diversi okkazjonijiet, kif hija stess tirrakkonta fl-affidavit taghha msemmi u wkoll fix-xhieda taghha quddiem l-Assistenta Gudizzjarja Dr. Audrey Demicoli fis-seduta taghha tal-4 ta' Mejju 2001.

Illi fix-xhieda taghha quddiem l-istess Assistenta Gudizzjara, l-istess attrici tispjega diversi okkazjonijiet ta' vjolenza pperpetrata mill-konvenut fuqha, u wkoll diversi okkazjonijiet ta' abbuz mid-droga *da parte* tal-konvenut, tant li huwa spicca naturalment bla xoghol, bil-konsegwenza li l-konvenut bl-ebda mod ma mantna lill-martu u lill-uliedu, tant li anke tkeccew mill-fond li fih kienu jabitaw ghaliex il-kera ma thallsitx. Kien biss bl-intrapriza u s-sagrifficju tal-attrici li gie akkwistat post iehor ghall-abitazzjoni taghhom wara li l-attrici ssellfet il-flus u hallset sahansitra r-rigal mill-fondi ta' assistenza socjali jew *'relief'* li hija kienet tircievi minghand id-Dipartiment tas-Servizzi Socjali jew l-awtoritajiet kompetenti.

Il-hajja mizera li l-attrici kienet kostretta tghix ma' wliedha hija manifestata fir-ritratti esebiti bhala Dok. "SF1" sa Dok. "SF 6", u dan kollu kawza tal-fatt li l-attrici ppruvat mill-ahjar li tista' tipprova tmantni lil uliedha u tindukrahom, mentri zewgha lanqas biex jahdem ma kien qed jipprova jaghmel xi haga, tant jidher li kien mahkum minn dan il-vizzju tad-droga. Fil-fatt apparti kontijiet mhux imhallsa dak li akkwistat l-attrici kien biss bil-mezzi limitati taghha, u kellha tabbanduna id-dar taghha biex marret tghix f'dar tal-kenn f'Ghawdex ipprovduta mid-Domestic Violence Unit, apparti fid-dar "Merhba Bik".

Illi in effetti l-attrici bdiet il-proceduri tas-Sekond' Awla tal-Qorti Civili, u b'Digriet tal-istess Qorti l-konvenut gie ordnat sabiex jivvaka mid-dar konjugali, ghalkemm l-istess konvenut ghamel zmien wara fil-facilita' korrettiva ta' Kordin.

Illi giet esebita wkoll il-fedina penali tal-istess konvenut li hija sostanzjali li tkopri perjodu mit-8 ta' Gunju 1976 sa Mejju 1998, u sentenzi mill-Qrati Kriminali komptenti mid-9 ta' Lulju 1976 sal-24 ta' Frar 2000, fejn ir-reati li l-istess konvenut gie misjub hati li kkometta huma varji, inkluzi dawk ta' pussess ta' droga, serq, u anke vjolenza fuq martu u hwejjigha.

Illi fid-dawl ta' dan kollu ma hemm l-ebda dubju li l-ewwel talba attrici ghandha tigi milqugha, u dan ghar-ragunijiet imputtabbli unikament lill-konvenut, u wkoll minhabba li kawza ta' hekk iz-zwieg bejn il-kontendenti tkisser irremedjabilment.

Illi dwar l-kura u l-kusitodja ma hemm l-ebda dubju li l-kura u l-kustodja tal-minuri ghandha tigi fdata f'idejn l-attrici, ghaliex mill-provi prodotti hija l-unika persuna li ghexet u hadmet fl-interess tal-istess minuri, u waslu fejn waslu l-istess ulied, dan kien bis-sahha biss tal-istess attrici, *stante* li jidher li l-konvenut, anke minhabba l-vizzju tal-istess droga, qatt ma haseb biex jaghmel xi haga ghall-gid tal-istess minuri.

Illi huwa veru li l-istess konvenut sostna li huwa segwa u spicca b'success tal-programm ta' riabilitazzjoni mid-droga ma' l-Agenzija Sedqa u dan fis-sena 1999, pero' ghalkemm saret din id-dikjarazzjoni mill-avukat tal-konvenut, prova dwar dan ma ngabitx, izda dan anke jekk huwa minnu ma huwiex ser jintitola lill-konvenut ghall-kura u kustodja tal-istess ulied, anke ghaliex dan ma huwiex certament fl-interess tal-istess minuri. Fil-fatt l-konvenut jaccetta dan u huwa nnifsu ssuggerixxa li l-kura u l-kustodja ghandha tigi fdata f'idejn l-attrici, u dan dejjem *tramite* d-difensur tieghu.

Illi jidher li l-access li l-istess konvenut attwalment ghandu huwa wiehed taht supervizjoni ta' siegha darba fil-gimgha fic-Centru Hidma Socjali, taht is-supervizjoni ta' Social Worker, u fil-granet u hinijiet li jigu stabbiliti mill-istess Social Worker.

Illi dan huwa msemmi wkoll fid-Digriet tas-Sekond' Awla tal-Qorti Civili tal-4 ta' Marzu 1999, u mill-atti processwali jidher li l-konvenut anke meta kien liberu mhux dejjem segwa l-istess access b'supervizjoni, fis-sens li mhux dejjem mar ghal dan l-appuntament biex jara lill-uliedhu.
Illi ghalhekk *nonostante* x-xewqa tal-konvenut li jkun jista' jara lil uliedu liberalment u mhux taht supervizjoni, din il-Qorti thoss li fic-cirkostanzi gravi ta' dan il-kaz, is-sitwazzjoni ghandha tibqa' kif inhi anke llum, b'mod li l-istess *social worker* li hija nkarigata b'dan il-kaz, ghandha perjodikament tevalwa jekk tali access ghandux b'xi mod jigi varjat, mnaqqas jew anke jizdied, skond il-komportament u l-inter-relazzjoni tal-konvenut ma uliedu.

Illi ovvjament f'kaz li l-konvenut jmur ghall-access taht l-influwenza tad-droga jew alkohol, jew jekk dan juri xi sinjali ta' vjolenza jew theddid, tali access qed jigi minn issa mwaqqaf immedjetament.

Illi sabiex tigi kkunsidrata talba sabiex tali access attwali jkun jista jigi mizjud, anke taht supervizjoni, l-konvenut irid jaghmel il-prova li huwa segwa b'success l-programm ta' rijabilitazzjoni tad-droga, u wkoll li jipprova li medikament huwa heles minn dan il-vizzju, u wkoll li qed verament

jirriforma ruhu, u fl-ahharnett qed jaghmel dak kollu li jista’ jaghmel sabiex jghix hajja normali, b’kondotta nadifa, b’impjieg dicenti u legali sabiex ikun jista’ jghin u jattwa l-obbligu tieghu li jmantni lil uliedu, haga li sal-lum jidher li ftit jew xejn huwa ghamel.

Illi fic-cirkostanzi l-Qorti tordna lill-konvenut wkoll li hlief ghall-premess ma ghandux ikollu access ghall-istess ulied, u taht l-ebda cirkostanza ma ghandu jersaq lejn id-dar konjugali u fejn kull post jew lok iehor fejn tkun martu u uliedu, inkluz l-iskejjel li jiffrekwentaw l-istess ulied u din il-Qorti tordna lill-attrici sabiex tinnotifika din id-decizjoni lill-Kummissarju tal-Pulizija personalment, u lill-Kapijiet rispettivi tal-Iskejjel jew facilitajiet edukattivi u rikrejattivi fejn l-istess ulied jiffrekwentaw.

Illi dwar it-talba ghall-manteniment tal-istess attrici u ulied, din il-Qorti ma tistax f’dan l-istadju tilqa’ din it-talba, u dan peress li ma jidhirx li l-konvenut ghandu xi mpjieg jew xi ntrojtu li bih jista’ jmantni lill-martu u lill-uliedu. Jibqa’ dejjem impregudikat id-dritt tal-attrici *proprio et nomine* li tvanta tali talba jekk jirrizulta li l-istess konvenut ottjena f’ forma ta’ impjieg dicenti, fil-waqt li din il-Qorti tosserva li huwa fl-interess tal-istess konvenut li jottjena tali mpjieg bil-mezzi tieghu possibbli, u anke in vista tal-obbligu mpost fuqu mill-ligi li jmanti wkoll lil uliedu, fl-interess tal-istess minuri.

Illi jekk l-konvenut jiehux din l-opportunita’ jew le tiddeppendi minnu, u l-Qorti tawgura li l-konvenut, jekk vera jhobb lill-uliedu jipprova jahseb naqra fihom, u x’jista’ jaghmel fl-interess u ghall-gid taghhom, anke biex jghin sabiex l-izbalji li forsi kkometta huwa, l-ulied jibqghu ‘l boghod hafna minnhom. Jidher li l-konvenut issuggerixxa li huwa propens li jaghmel dan, u allura l-Qorti tistenna li jattwa l-kelma tieghu, b’rispett fl-ewwel lok ghall-kelma li huwa stess ta, u fit-tieni lok b’rispett u b’imhabba ghal uliedu. Il-progress ta’ din ir-relazzjoni anke bejn l-konvenut u uliedu jiddependi ghalhekk unikament fuq il-komportament tal-istess konvenut, u huwa biss ghandu kontroll fuq l-istess, b’dan li l-Qorti hija certa, li jekk il-konvenut ifittex l-ghajnuna li jhoss li ghandu bzonn, huwa

jkun jista’ jimmeljora s-sitwazzjoni tieghu, u ghalhekk dik ta’ uliedu wkoll.

Illi dwar il-komunjoni tal-akkwisti jidher li din tikkonsisti biss f’xi oggetti mobili li l-attrici akkwistat bl-introjtu unikament taghha, u fil-fatt fil-verbal tas-seduta tal-20 ta’ Gunju 2002, l-konvenut iddikjara li l-*“mobbli jistghu jigu assenjati lill-attrici”.*

Illi fid-dawl tal-premess u b’applikazzjoni tal-**artikolu 48 (1) (c)** il-mobbli kollha huma x’inhuma ghandhom jigi assenjati lill-attrici. L-istess jinghad ghall-kirja attwali tal-fond attwalment okkupat mill-attrici u minn uliedha “Block 13, Door 15, Triq Liedja, Santa Lucija, allokat lill-attrici mid-Dipartiment ta’ l-Akkomodazzjoni Socjali skond ftehim datat 22 ta’ Mejju 1997, u mikri bir-rata sussidjata ta’ Lm60 fis-sena, u ghalhekk dan ghandu wkoll jigi assenjat lill-attrici.

Illi rigwardanti l-kontijiet tad-dawl u ilma li ghadhom sal-lum pendenti, dawn ghandhom jithallsu nofs bin-nofs bejn il-partijiet, b’dan li mil-llum ‘il quddiem l-kontijiet ta’ dawl u ilma tal-fond ta’ abitazzjoni tal-attrici *de quo* ghandhom jithallsu minnha, salv kull dritt spettanti lilha ghar-rikjesta ta’ manteniment jekk ikun il-kaz, kif fuq premess.

Illi dwar is-seba’ (7) talba din ghandha tintlaqa’ u dan wkoll konsegwenza ta’ dak fuq appena deciz, u ghalhekk l-attrici hija awtorizzata li tghix fid-dar taz-zwieg ad eskluzjoni tal-konvenut skond il-ligi u jekk mhux gja’ ghamel hekk, il-konvenut huwa ordnat li jivvaka mill-istess dar definittivament u b’mod immedjat.

## <u>III. KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi fil-kontumacja tal-konvenut, **tilqa’ t-talbiet attrici** biss bil-mod premess u cjoe:-

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti konjugi Farrugia minhabba servizzi, eccessi,

swat, minacci u ngurji gravi kommessi mill-konvenut kontra martu l-attrici, u minhabba li z-zwieg tkisser irrevokabilment;

2. Tafda u takkorda lill-attrici l-kura u kustodja tal-wild minuri msemmija Marlon, Redent u Josmarie ahwa Farrugia, salv l-access tal-konvenut li qed stabbilit skond l-ahjar interess tal-istess minuri u dan fis-sens segwenti:-

(a) Illi l-konvenut ghandu jkollu access ghall-istess minuri biss taht supervizjoni ta' siegha wahda ghal darba fil-gimgha fic-Centru Hidma Socjali, taht is-supervizjoni ta' *Social Worker*, u fil-granet u hinijiet li jigu stabiliti mill-istess *Social Worker* u dan id-Digriet ghandu jigi notifikat mill-attrici a spejjez tal-konvenut lid-Direttur tac-Centru Hidma Socjali.

(b) Illi s-sitwazzjoni ghandha tibqa' hekk, b'mod li l-istess *social worker* li hija nkarigata b'dan il-kaz, ghandha perjodikament u f'perjodi ta' mhux aktar minn disa' (9) xhur tevalwa jekk tali access ghandux b'xi mod jigi varjat, mnaqqas jew anke jizdied, skond il-komportament u l-inter-relazzjoni tal-konvenut ma' uliedu.

(c) Illi ovvjament f'kaz li l-konvenut jmur ghall-access taht l-influwenza tad-droga jew alkohol, jew jekk dan juri xi sinjali ta' vjolenza jew theddid, tali access qed jigi minn issa mwaqqaf immedjetament.

(d) Illi sabiex tigi kkunsidrata talba sabiex tali access attwali jkun jista jigi mizjud, anke taht supervizjoni, l-konvenut irid jaghmel il-prova li huwa segwa b'success il-programm ta' rijabilitazzjoni tad-droga, u wkoll li jipprova li medikament huwa heles minn dan il-vizzju, u wkoll li qed verament jirriforma ruhu, u fl-ahharnett qed jaghmel dak kollu li jista' jaghmel sabiex jghix hajja normali, b'kondotta nadifa, b'impjieg dicenti u legali sabiex ikun jista' jghin u jattwa l-obbligu tieghu li jmantni lil uliedu.

(e) Illi fic-cirkostanzi l-Qorti tordna lill-konvenut ukoll li hlief ghall-premess ma ghandux ikollu access ghall-istess ulied, u taht l-ebda cirkostanza ma ghandu jersaq lejn id-

dar konjugali u fejn kull post jew lok iehor fejn tkun martu u uliedu, inkluz l-iskejjel li jiffrekwentaw l-istess ulied u din il-Qorti tordna lill-attrici sabiex a spejjez tal-konvenut, tinnotifika din id-decizjoni lill-Kummissarju tal-Pulizija personalment, u lill-Kapijiet rispettivi tal-Iskejjel jew facilitajiet edukattivi u rekrejattivi fejn l-istess ulied jiffrekwentaw.

3. Illi din il-Qorti fic-cirkostanzi prezenti ma tistax tilqa’ din it-talba sabiex il-konvenut jigi kkundannat li jhallas lill-attrici ghaliha u ghal uliedhom minuri retta alimentarja lilha dovuta skond il-Ligi li tigi stabbilita minn din l-istess Qorti, u b’dawk il-modalitajiet kollha ta’ pagament, inkluz provvediment ghaz-zieda perjodika sabiex taghmel tajjeb ghall-awment fl-gholi tal-hajja u ghat-tnaqqis dirett mill-paga tal-konvenut, u dan peress li attwalment l-konvenut ma ghandu ebda mpjieg jew introjtu b’dan pero’ li jibqa’ riservat d-dritt favur l-attrici *proprio et nomine* li tkun tista’ tressaq tali talba fil-futur jekk ic-cirkostanzi jinbidlu u dan dejjem skond il-ligi.

4. Tordna li jigu applikati kontra l-konvenut l-effetti tad-dispozizzjonijiet tal-**artikoli 48, 50 u 51 tal-Kodici Civili tal-Ligijiet ta’ Malta** fis-shih.

5. Tordna ix-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti u dwar il-mobbli, anke fuq accettazzjoni tal-konvenut, tordna li dawn kollha jigu assenjati lill-attrici, anke b’applikazzjoni tal-**artikolu 48 (1) (c) tal-Kap 16.** Tordna wkoll li l-kirja attwali tal-fond attwalment okkupat mill-attrici u minn uliedha “Block 13, Door 15, Triq Liedja, Santa Lucija”, allokat lill-attrici mid-Dipartiment ta’ l-Akkomodazzjoni Socjali skond ftehim datat 22 ta’ Mejju 1997, u mikri bir-rata sussidjata ta’ Lm60 fis-sena, ghandu wkoll jigi assenjat lill-attrici.

Illi rigwardanti l-kontijiet tad-dawl u ilma li ghadhom sallum pendenti, dawn ghandhom jithallsu nofs bin-nofs bejn il-partijiet, b’dan li mil-lum ‘il quddiem l-kontijiet ta’ dawl u ilma tal-fond ta’ abitazzjoni tal-attrici *de quo* ghandhom jithallsu minnha, salv kull dritt spettanti lilha ghar-rikjesta ta’ manteniment jekk ikun il-kaz, kif fuq premess.

6. Illi dwar din it-talba sabiex l-istess komunjoni hekk likwidata tigi mqassma bejn il-kontendenti f'zewg porzjonijiet assenjati rispettivament lil kull wiehed u wahda minnhom skond il-Ligi, din il-Qorti tastjeni mill-tiehu konjizzjoni ta' din it-talba *stante* dak provdut skond il-hames (5) talba tac-citazzjoni attrici.

7. Tawtorizza lill-attrici li tabita fid-dar taz-zwieg ad eskluzjoni tal-konvenut skond il-ligi u l-konvenut li jivvaka d-dar definittavement u mmedjetament mill-istess fond u taht ebda cirkostanza l-istess konvenut ma ghandu jersaq lejn dan il-fond jew kull residenza ohra li l-istess attrici u uliedha minuri jista' jkollhom u tordna notifika mill-attrici a spejjez tal-konvenut ta' din id-decizjoni lid-Direttur tal-Akkomodazzjoni Socjali u lill-Kummissarju tal-Pulizija.

8. Illi dwar din it-talba sabiex il-konvenut jigi kkundannat li jirritorna lill-attrici l-beni parafernali taghha tichad din it-talba minhabba nuqqas ta' provi dwar l-istess.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-proceduri quddiem is-Sekond' Awla tal-Qorti Civili – kontra l-konvenut.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**31 ta' Ottubru 2002**

**Mario Debono**
**Deputat Registratur**
**31 ta' Ottubru 2002**